**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-2 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 36/2021 JPG**

**Kawza Numru : 8**

**AG**

**Vs**

**DW**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' AG datat 27 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu gil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Ara c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. AG1');*

2. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament,u ghalhekk de facto separati, sa mis-sena elfejn u sbatax filwaqt li ilhom legalment separati sa mill-(20) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Liza Schembri;*

   ii. *Illi ma hemm prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohra;*

   iii. *Illi ai termini tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Gunju, 2017*

*'Dok. AG3', il-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku u, ghalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;*

3. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. AG2'.*

4. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N(1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom residenza taghhom f'Malta;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall ta' zwieg li gie celebrat mill-partijiet fit-25 ta' Gunju 2017;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ta ruhu b'notifikat f'seduta stante tal-14 ta' Gunju 2021, di piu' l-partijiet kif assistiti, stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 14);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur AG** xehed (vide affidavit fol 4, Dok AG2) illi l-partijiet iltaqghu fuq programm televiziv u sussegwentement abitaw flimkien mbaghad ddecidew li jizzewwgu. Sostna illi ma tantx seta' jifhem il-karattru tal-intimat u kien ikollhom hafna argumenti. Filfatt damu biss tlett xhur mizzewga dan peress li huwa (l-attur) beda relazzjoni ma terza persuna. Iddikjara illi huma ddecidew li jibdew l-proceduri ta' separazzjoni peress li ma kienitx tezisti mhabba bejniethom.

**DW** xehed (vide affidavit a fol 16) li kkollabora dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Gunju 2017, liema zwieg jgib c-certifikat numru 34/2017 (vide Dok AG1, certifikat taz-zwieg, a fol 3).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-6 ta' April 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri (vide Dok AG3, a fol 5 et seqq.) Mid-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti jirrizulta illi l-partijiet kienu ilhom separati de facto sa minn tlett xhur wara z-zwieg, ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 34/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**